**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Stefania Cappuccio**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**Stefania Cappuccio**, detentriċi ta' karta' tal-identita' numru 208437(A), u numru tal-passaport Taljan YA 5737902.
>
> U nakkużaha talli nhar is-07 ta' Novembru 2019 f'dawn il-Gżejjer,
>
> 1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħija, setgħa fuq ħaddiehor,

jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor u ċioe’ ta’ 10,000 Euro u dan għad-dannu ta’ Ronald Mangion u/jew persuni oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 308 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta’ Malta;

2. Għamlet xi qliegħ ieħor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta’ qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) għad-detriment ta’ Ronald Mangion u/jew persuni oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 309 u 310(1)b tal-Kap. 9 ta’ liġijiet ta’ Malta.”

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata Stefania Cappuccio reġgħet affermat l-ammissjoni tagħha anke wara li l-Qorti tatha żmien tirrikonsidra l-posizzjoni tagħha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputata l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputata fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll Il-koperazzjoni taghha mal-Pulizija, il-fatt illi l-imputata raddet lura l-flus lill-kwerelant, il-fedina penali netta tal-imputata, il-gravità tar-reati minnha kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz u cioe li r-reat sar konsegwenza tal-vizju tal-loghob li minnu tbaghti l-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikli 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata Stefania Cappuccio ħatja u tikkundanna lill-imputata għall-perjodu ta' sentejn habs, li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti qeghda ukoll tpoggi lill-imputata Stefania Cappuccio taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin mil-lum u dan sabiex tirrijabilita ruhu mill-vizzju tal-loghob.

Il-Qorti qeghda ukoll taghmel rakkomandazzjoni lill-Awtorita' ta' Malta Dwar il-Loghob illi l-imsemmija Stefania Cappuccio tigi mwaqqfa milli tippartecipa fi kwalunkwe tip ta' loghob regolat mill-istess Awtorita u dan bi kwalunkwe mezz, media u fi kwalunkwe lok.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputata l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma tottemporax ruhha ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg

Deputat Registratur